**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Ph.D.**

**Appell Nru: 157 / 2023**

**Il-Pulizja**

**vs**

**Paul Vella**

**<u>Illum 5 ta' Settembru, 2023</u>**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti, **Paul Vella** detenur tal-karta tal-identita Maltija **108251M**, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali:

Talli nhar it-8 ta' April 2022, ghall-habta tas-7.24hrs, fl-inhawi ta' Mgarr, Malta:

1. Ma zammx armi jew munizzjoni imnizzlin taht l-Iskeda I u l-Iskeda II li jinsabu mal-Att maqfulin sew f'post sigur gewwa r-residenza teighu u naqas li jisgura li hadd hliefu ma jkollu access ghalihom, u dan bi ksur tar-regolamenti 8(b) u 15(a) tal-LS 480.02 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kellu fil-pussess tieghu arma tan-nar u/jew munizzjon barra mill-fond imsemmi fil-licenzja mahruga mill-

Kummisarju tal-Pulizija u dan bi ksur tal-artikolu 5(3) tal-Kap. 480 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi bhala pussessur ta' licenzja taht l-artikolu 27(1) tal-Kap. 480 naqas li jhares il-kundizzjonijiet msemmija f'dik il-licenzja;

4. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi bhala persuna li ghandu licenzja biex izomm jew biex ikollu f'idu jew fuqu arma tan-nar jew munizzjoni ma zammx fil-kustdja tieghu l-arma u l-munizzjon b'mod li ma jkunux jistghu jigu f'idejn haddiehor u dan bi skur tal-artikolu 47(1) tal-Kap. 480 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi bhala detentur tal-licenzja taht xi disposizzjonijiet tal-Att dwar l-Armi naqas milli thares il-pattijiet tal-licenzja jew kellu fil-pussess jew kienn qed igorr xi arma tan-nar jew munizzjon mhux dawk specifikati fil-licenzja mahruga lilu u dan bi ksur tal-artikolu 52 tal-Kap. 480 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi waqt stagunmaghluq ghat- tehid tal-ghasafar ha jew ipprova jiehu b'mezz xi ghasfur u dan bi ksur tar-regolament 18(1)(c) tal-LS 549.42 tal-Ligijiet ta' Malta;

7.Ttalli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi waqt stagun maghluq ghat-tehid tal-għasafar minn fuq l-art, ikkaccja jew ipprova jikkacja xi ghasfur jew garr munizzjon jew arma tan-nar barra l-ghata taghha u dan bi ksur tar-regolament 18(1)(a) tal-LS549.42 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba li barra li taghti l-piena skond l-artikolu 51(9) tal- Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna l-konfiska tal-corpus delicti u cioe' l-arma tan-nar u hassar jew tissospendi kull licenzja jew permess mahruga taht il-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta, u tipprojbixxi lill-persuna milli jkollha xi licenzja taht dan l-Att ghal zmien mhux izjed minn hames snin.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar id-29 ta' Marzu, 2023, wara li din il-Qorti rat **ir-regolamenti 18(1)(a) u 27 tal-Ligi Sussidjarja 549.42** kif ukoll **l-artikoli 5, 27(1), u 52 tal-Att dwar l-Armi**, sabet lill-qua imputat Paul Vella, hati tal-imputazzjonijiet numru 2, 3, u 5 filwaqt li lliberatu mill-imputazzjonijiet numru 1, 4 u 6. Konsegwentament l-ewwel Qorti kkundanat lill-istess Paul Vella ghall-multa ta' elfejn u mitejn Ewro (€2,200) li b'applikazzjoni tal-artikolu 14 tal-Kodici Kriminali tithallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' mitt Ewro (€100) fix-xahar. F'kaz li l-hlas ikun sar b'rati mensili, l-ewwel pagament ghandu jsir fi zmien xahar millum, b'dan illi jekk il-hati naqas milli jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jekk dan ma jithallasx jigi konvertit fi prigunerija skont il-ligi.

Il-Qorti, fit termini tar-regolament 27 tal-Avviz Legali 79 tas-sena 2006, ordnat ukoll s-sospensjoni tal-licenzja jew permess rilevanti mahrug taht ir- regolamenti tal-2006 dwar il-konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi u taht it- Taqsima XV tal-Kodici tal-Ligijiet ta' Pulizija ghall-perjodu ta' sentejn millum.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Paul Vella, prezentat fir-registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar is-17 ta' April 2023, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex joghgobha:

**<u>Tilqa' dan l-appell u tvarja sentenza appellata b'dan li filwaqt li:</u>**

a) tikkonferma ha f'dik il-parti tagħha fejn l-esponenti ġie misjub mhux ħati tal-ewwel (1), ir-raba' (4) u s-sitt (6) imputazzjoni;

b) tirrevokaha f'dik il-parti tagħha fejn l-esponenti ġie misjub ħati tat-tieni (2), it-tielet (3), il-ħames (5) u s-seba' (7) imputazzjoni, u minflok tiddikjarah mhux ħati tagħhom u tilliberah minnhom; u

c) subordinatament, u strettament mingħajr preġudizzju dwar l-mertu, f'każ li dina l-Onorabbli Qorti tikkonferma ħtija fil-konfront tal-imputazzjonijiet kollha jew min

minnhom, li tagħhom ġie misjub mill-Ewwel Onorabbli Qorti, illi tvarja s-sentenza in kwantu piena, b'dan li tingħata piena iktar miti u gusta skond il-każ.

Rat l-aggravji tal-appellant Paul Vella li huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti, u cioe:

**Preliminari**

Jirriżulta mid-decide tas-sentenza tal-Ewwel Onorabbli Qorti li l-Qorti wara li rat ir-regolamenti 18(1)(a) u 27 tal-Ligi Sussidjarja 549.42 kif ukoll l-artikoli 5, 27(1), u 52 tal-Att dwar l-Armi, sabet lill-imputat Paul Vella, ħati tal-imputazzjonijiet numru **2, 3**, u **5** filwaqt li illiberatu mill-imputazzjonijiet numru **1, 4** u **6.**

L-esponenti kien rinfaċċat ukoll bis**-7** imputazzjoni dwar liema imputazzjoni però fil-parti tad-decide, l-Ewwel Onorabbli Qorti ma tat l-ebda pronunzjament dwarha.

L-esponenti huwa ben edott tal-ġurispurdenza dwar l-importanza li d-dettami tal-artikolu 382 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta jiġu osservati, u r-rekwiżit ad validatem li jrid ikun fiha sentenza. Madanakollu, b'lealtà lejn l-Qorti, atenut kont tal-fatt li l-Qorti fid-decide kwotat l-artikolu tal-liġi li jikkontempla din is-seba' imputazzjoni (i.e. Reg 18(1)(a) tal-L.s. 549.42) u fil-paragrafu preċedenti l-Ewwel Onorabbli Qorti qalet testwalment:

"*Illi fid-dawl ta' dawn ir-rizultanzi l-imputazzjonijiet bin-numru tnejn, tlieta, hamsa u sebgha jirrizultaw pruvati skond il-ligi.*"

l-esponenti qiegħed jifhem li huwa ġie misjub ħati tas-7 imputazzjoni wkoll u l-appell tiegħu ser ikun ukoll kontra tali dikjarazzjoni ta' ħtija.

Għaldaqstant, ai fini ta' kjarezza, l-esponenti qiegħed jiddikjara li f'dan l-umili appell huwa ser ikun qed jitlob varjazzjoni tas-sentenza appellata, b'dan li filwaqt li jitlob il-konferma tal-liberatorja fil-konfront tal-1, 4 u s-6 imputazzjonijiet, huwa ser ikun qed jitlob ir-revoka tas-sejbien ta' ħtija fil-konfront tat-2, 3, 5 u s-7 imputazzjonijiet.

Illi magħmula tali parentenzi l-esponenti umilment jissottometti **fl-ewwel lok**, li l-ammissjoni li għamlet referenza għaliha l-Ewwel Onorabbli Qorti fis-sentenza ma twassalx awtomatikament għall-ħtija fil-konfront tal-imputazzjonijiet li tagħhom ġie misjub ħati, stante li tali dikjarazzjoni tal-imputat ma tikkwalifikax bħala ammissjoni għall-akkużi dedotti kontra tiegħu u dan għal diversi raġunijiet fosthom għaliex huwa semplicement għaraf lilu inniffsu fil-filmat, liema dikjarazzjoni in ogni caso hija nieqsa mill-kwalifiċi tad- data u l-ħin.

Illi **fit-tieni lok**, u strettament mingħajr preġudizzju dwar l-ewwel aggravju, l-esponenti umilment jikkontendi ukoll illi in ogni caso, huwa ma kellux jinstab ħati tal-imputazzjonijiet li tagħhom ġie misjub ħati stante li l-imputazzjonijiet kif dedotti kontra tiegħu ma ġewx suffiċjentament pruvati skond il-parametri temporali indikati fiċ-ċitazzjoni. Kwindi 1- esponenti kellu jiġi liberat.

Fit-**tielet lok**, tenut kont iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, il-piena kellha tkun waħda iktar miti.

**1) Id-dikjarazzjoni tal-imputat ma twassalx awtomatikament għall-ħtija**

Fil-konsiderazzjonijiet tagħha l-Ewwel Onorabbli Qorti jidher li waslet għal sejbien ta' ħtija a bażi tal-ammissjoni tal-imputat stess. Dan għamlitu wara li qieset li l-filmat li ġie esebit ma kienx biżżejjed biex tinstab ħtija, stante li filwaqt li l-persuna fil-filmat kienet tixbaħ lill- esponenti, l-filmat ma kienx ċar u ma setax jitqies bħala prova sodisfacenti ta' identifikazzjoni sal-grad rikjest mill-ligi.

Illi infatti l-Ewwel Onorabbli Qorti qalet testwalment:

*Il-karatteristici fiziki taz-zewg kaccaturi li jidhru fil-filmat ma jidhrux cari b' tali mod li l- istess filmat jistgha jkun prova sal-grad rikjest mil-ligi ai fini ta' identifikazzjoni taghhom. Madanakollu jinghad li l-persuna li spara fuq it-tajra jixbah lill-qua imputat. Minkejja din il-mankanza, mill-provi mressqa jirrizulta li l-qua imputat ammetta mal- pulizija li dak il-persuna li spara fuq it-tajra kien hu. Ghaldaqstant fid-dawl ta' din l- ammissjoni, l-*

*identifikazzjoni tal-imputat bhala l-kaccatur li spara fuq it-tajra tirrizula pruvata sal-grad rikjest mil-ligi.*

L-esponenti umilment jissottometti madanakollu illi kif diġà gie aċċennat iktar il-fuq, filwaqt li huwa minnu li t-tlett pulizija fl-affidavit tagħhom iddikjaraw li meta l-imputat ġie muri l-filmat huwa kien ammetta li l-persuna fil-filmat kien hu, però dawn l-affidavits huma sajma għall-kollox mid-dettalji li jduru ma' tali filmat.

In oltre, filwaqt li jidher il-Qorti straħet fuq il-filmat li ġie esebit fil-proċeduri odjerni, **ħadd mit-tlett pulizija ma jgħid li l-filmat li urew lill-esponenti huwa l-istess filmat li ġie esebit fil-proċeduri.**

**U ħadd mit-tlett pulizija ma irrefera jew ikkonferma bil-ġurament l-filmat li ġie esebit f'dawn il-proċeduri li strieħet fuqu l-Qorti biex instabet ħtija.**

A bażi tal-provi prodotti, kull ma jista' jirriżulta huwa li:

- It-tlett pulizija (PC349, PC16 u PC 572) fit-13 ta' April 2022 ingħataw file li kien iġib in-numru EPU/043/2022, u ġo fih kien hemm filmati u ritratti allegatament meħuda minn Llyod Scott fit-8 ta' April 2022. L-affidavits ma jagħtu l-ebda dettalji oħra bħal ħin u lok, per eżempju li setgħu jisiltu mill-filmati;
- Il-pulizija iddikjaraw li huma urew dan il-filmat lill-esponenti u l-esponenti għaraf lilu inniffsu;
- Il-pulizija però ma tagħmel ebda referenza oħra għal dan il-filmat, u ma tannetti l-ebda kopja ta' dan il-filmat li allegatament uriet lill-esponenti u li fih allegatament l-esponenti għaraf lilu inniffsu mal-affidavit;
- It-tlett Pulizija lanqas ma jikkonfermaw il-filmat li ġie esebit in atti, li saret referenza għalih fis-sentenza u li a bażi tiegħu l-Qorti sabet ħtija;
- Iktar importanti minn hekk, ħadd mit-tlett pulizija ma jgħid li l-filmat li huma urew lill-esponenti u li fih huwa għaraf lilu nniffsu huwa l-istess filmat li ġie preżentat fil-proċeduri odjerni;
- Konsegwentament ma jeżisti l-ebda ness kwalsiasi bejn il-filmat li ġie muri lill-esponenti u l-filmat preżentat in atti u li a bażi tiegħu l-Qorti sabet ħtija. L-unika

konkluzzjoni sal-livell tal-grad tal-prova rikjest mill-liġi hija li l-esponenti ġie muri filmat u huwa għaraf lilu innifsu ġo fih.

- X'kien fih dan il-filmat, meta ttieħed dan il-filmat, u l-ħin li fih ttieħed il-filmat ma jirriżultax.
- U allura ma jirriżultax lanqas, u ma jistax bl-ebda mod remot jiġi konkluż, li l-esponenti ammetta għall-imputazzjonijiet kif dedotti bid-dettalji temporali li tagħhom instab ħati.

Għaldaqstant, una volta li mill-filmat li ġie eżebit in atti ma tirriżultax u ma tistax tirriżulta l-identifikazzjoni tal-imputat - stante li kif del resto iddikjarat il-Qorti, l-filmat ma huwiex ċar - u una volta li l-allegata dikjarazzjoni tal-imputat ma tistax tintrabat mal-filmat li ġie esebit in atti, isegwi li ma hemmx prova ta' ħtija fil-konfront tal-esponenti.

Kull ma jirriżulta mill-provi tal-prosekuzzjoni huwa li x'ħin il-pulizija urewh filmat huwa ammetta li l-persuna li deher fil-filmat għal kaċċa kien hu stess u xejn iżjed. Madanakollu, tenut kont in-nuqqas ta' informazzjoni dwar dan il-filmat li ġie muri kif ukoll in-nuqqas komplet ta' konferma tal-filmat li effettivament ġie eżebit fl-atti, flimkien man-nuqqas ta' provi oħra li jippuntaw lejn ħtija ma jistax jingħad li l-prosekuzzjoni irnexxielha tipprova il-każ tagħha skond il-liġi.

Konsegwentament, l-esponenti umilment jissottometti illi tenut kont tali nuqqasijiet su riferiti, l-Ewwel Onorabbli Qorti ma setgħetx legalment tistrieħ fuq tali ammissjoni sabiex issib ħtija, u minflok l-esponenti kellu jiġi liberat mill-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tiegħu.

L-esponenti jagħlaq billi jissottometti bir-rispett kif biex tinstab ħtija ma huwiex biżżejjed li persuna sempliċement tiddikjara mal-pulizija li allegatament ikkommettiet reat, iżda tali ammissjoni trid tkun waħda li tikkombaċja mal-imputazzjonijiet li bihom jiġi rinfaċċat.

Hekk per eżempju fis-sentenza ***il-Pulizija vs Andrè Falzon,*** deċiża mill-Qorti tal-Appell per Imħ. Dr. Edwina Grima, nhar id-19 ta' Novembru 2015, nonostante li l-

imputat kien ammetta l-imputazzjonijiet kontra tiegħu quddiem l-Ewwel Qorti, in vista tal-fatt li kien irriżulta li kien hemm żball fiċ-ċitazzjoni rigward id-data ta' meta gie kommess ir-reat il-Qorti illiberat lill-appellant. Dan sar in linea mal-prinċipju li l-prosekuzzjoni trid tipprova l-każ tagħha skond kif inhuma redatti l-imputazzjoni bid-dettalji tad-data u l-ħin, u lok jekk ikun il-każ, u fin-nuqqas ma għandu jkun hemm liberazzjoni.

Raġunament kważi identiku għal każ odjern iżda rigward il-post fejn seħħ ir-reat kien ġie aċċettat mill-Qorti tal-Appell fil-kawża fl-ismijiet ***il-Pulizija vs Mark Cassar,*** deċiża nhar l-1 ta' Lulju 2015, per Imhallef Dr. D Scicluna.

L-appellanti f'dak il-każ kien argumenta li: *"kif il-Qorti tal-Maġistrati iddeċidiet illi r-rikorrenti kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokaina f'xi żmien qabel is-s27 ta' Mejju 2012 għaliex dan kien stqarr hekk waqt l-istqarrija rilaxxata minnu, neċessarjament kellha issib **però** illi tali pussess ma ġiex ippruvat li kien seħħ **"f'dawn il-gżejjer"** u għaldaqstant kellha issibu mhux ħati fuq nuqqas ta' provi".*

*Il-Qorti tal-Appell kienet abbraccat tali argument u iddeċidiet testwalment li:*

> *"L-appellanti għandu raġun. Filwaqt illi fil-konsiderazzjonijiet tagħha l-Ewwel Qorti irreferiet għar-reat tal-pussess sempliċi tad-droga "fis-27 ta' Mejju 2012 u fil-perjodu ta qabel ta' din id-data", ma tirreferix għal parti integrali ta' l-imputazzjoni li r-reat seħħ "f'dawn il-gżejjer".. Fil-fatt minn dak li allegatament qal l-appellant waqt l-interrrogatorju ma jirriżultax fejn seħħ l-allegat abbuż ta' kokaina. Li l-appellant isiefer jirrizulta mill-istess atti stess. Konsegwentament l-appell jimmerita akkoljiment."*

Similarment, tenut kont iċ-ċirkostanzi partikolari li jduru mal-allegata dikjarazzjoni da parti tal-imputat u l-filmat, ma jirriżultax li l-esponenti ammetta li fit-8 ta' April 2022 għall-ħabta tal-07.24hrs huwa kkommetta r-reati li tagħhom instab ħati.
Kwindi, fid-dawl tal-fatt li l-Ewwel #onorabbli Qorti straħet fuq tali dikjarazzjoni biex sabet ħtija, l-esponenti għandu jiġi liberat mill-imputazzjonijiet kollha li tagħhom instab ħati.

## 1) Imputazzjonijiet mhux suffiċjentament ippruvati

Il-prosekuzzjoni akkużat lill-esponenti bir-reati in kwistjoni b'diċitura fiċ-ċitazzjoni li tindika data preċiża, ossia t-8 ta' April 2022 u b'ħin partikolari, ossia "*għall-ħabta tas-07.24hrs.*"

Illi madanakollu, strettament mingħajr preġudizzju dwar l-ewwel aggravju, kif ser jiġi muri iktar il-quddiem, il-provi tal-prosekuzzjoni kollha juru li fis-07.24hrs ma ġie kommess l-ebda reat indikat fiċ-ċitazzjoni, u li se mai jekk saret xi illegalità, tali illegalità seħħet siegħa qabel.

F'dan il-każ l-prosekuzzjoni għażlet li tintrabat esklussivament ma' data u ħin partikolari. Kwindi, intrabtet li tipprova l-każ entro dak il-perjodu temporali. Konsegwentament, sabiex jingħad li l-prosekuzzjoni irnexxielha tipprova l-każ tagħha sal-grad rikjest mill-liġi, hija trid tressaq provi li f'dik id-data u l-ħin partikolari seħħ l-allegat ksur ta' liġi.

Dan kollu qed jingħad ukoll fid-dawl tal-fatt li l-Qrati tagħna regolarment iddikjaraw li d-data u l-ħin fiċ-ċitazzjoni huma elementi importanti f'ċitazzjoni li jassumu rwol importanti sabiex jkun jista' jitqies jekk ir-reat ġiex pruvat jew le skond il-liġi.

Illi sentenzi klassiċi li ta' sikwit jiġu ċċitati u li kienu jitrattaw żball fil-ħin ta' meta seħħ l-allegat reat u li minħabba l-imputat kien ġie liberat huma:

- ***Il-Pulizija vs John Mary Briffa***, deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-18 ta' Ottubru 2005
- ***Il-Pulizija vs Nicolai Magrin***, deċiża mill-Qorti tal-Appell nhar is-17 ta' Marzu 2008
- ***Il-Pulizija vs Warren Piscopo*** u ***l-Pulizija vs Rita Thuema***, it-tnejn deċiżi fid-19 ta' Ottubru 2011 mill-Qorti tal-Appell

Illi iktar riċenti, fil-kawża ***l-Pulizija vs Raymond Xerri et.***, deċiża mill-Qorti tal-Appell nhar is-26 ta' Jannar 2017, il-Qorti illiberat lill-appellant wara li ddikjarat li:

*"……il-Qorti qatt ma tista issib htija dwar il-kummissjoni ta' xi reat li ikun sehh fi zmien iehor u mhux dak indikat fl-akkuza, cirkostanza li hija tant materjali u sostanzjali fil-kaz imressaq 'il quddiem mill-Prosekuzzjoni. Dan ghaliex l-artikolu 360 stess ifisser kif ghandha tigi redatta ic-citazzjoni u liema huma dawk l-indikazzjonijiet mehtiega sabiex il-persuna imharrka tkun tista thejji id-difiza taghha tajjeb u dan bil-fatti kif indikati lillha f'dik ic-citazzjoni. Issa jekk dawk il-fatti ikunu gew indikati hazin, allura il-binarji ta' l-azzjoni ma ikunux gew definiti jew ikunu gew definiti hazin."*

Fil-każ ***Il-Pulizija vs Charles Sciberras***, deċiż mill-Qorti tal-Maġistrati nhar it-30 ta' Novembru 2016[1], il-Qorti, għalkemm sabet lill-imputat ħati ta' xi imputazzjonijiet, però illiberat lill-esponenti mill-akkuża ta' ksur tal-kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest għaliex irriteniet li:

*"Jekk xejn il-Prosekuzzjoni resqet provi fis-sens li l-imputat wettaq reat fl-ewwel ta' Lulju 2014 għall-ħabta tal-10.05hrs ta' filgħodu ġewwa l-Imsida iżda l-Prosekuzzjoni u ma ppruvatx li huwa kiser il-kundizzjonijiet tal-għoti tal-ħelsien mill-arrest għall-ħabta ta' 10.05hrs ta' filgħaxija skont kif ġie msemmi fiċ-ċitazzjoni! A differenza ta' dak li intqal aktar il-fuq,* ***id-dettall tal-ħin jista' jitqies li huwa wieħed mill-kriterji li huwa meħtieġ mill-Artikolu 360(2)*** *tal-Kodiċi Kriminali (partikolaritajiet ta' żmien) u f'każ bħal dan jassumi rwol importanti biex ikun jista' jitqies jekk ir-reat ikunx integrat o meno."*

Fil-kawża ***il-Pulizija vs Ramon Mifsud Grech***, deċiża mill-Qorti tal-Magistrati nhar it-23 ta' April 2012 li rreferiet ukoll għal ġurisprudenza oħra tal-Qorti tal-Appell, ukoll deheret l-importanza li jkun hemm dettalji korretti dwar il-ħin u d-data tal-akkuża, fid-dawl tal-artikolu 360(2) tal-Kodiċi Kriminali. F'dan il-każ il-ħin fiċ-ċitazzjoni kien indikat bħala għall-ħabta ta' xil-ħdax ta' filgħaxija, iżda mill-provi kien jirriżulta li l-inċident seħħ għall-ħabta tat-tlieta u nofs ta' filgħodu, u konsegwentament minħabba din id-diskrepanza l-Qorti kienet għaddiet biex tillibera lill-imputati.[2] Il-Qorti filwaqt li kwotat ġurisprudenza oħra, qalet testwalment is-segwenti:

---

[1] Per Mag. Dr. A Bugeja.
[2] Minn din is-sentenza ma kienx gie intavolat appell mill-Avukat Generali.

*"Illi s-subartikolu (2) ta' l-artikolu 360 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li:*

> *Ic-citazzjoni ghandha ssemmi car il-persuna mharrka, u ghandu jkun fiha, fil-qosor, il-fatti ta' l-akkuza, bilpartikularitajiet ta' zmien u ta' lok li jkunu jinhtiegu jew li jkunu jistghu jinghataw. Ghandu jkun fiha wkoll it-twissija li, jekk il-persuna mharrka tonqos li tidher, hija tigi arrestata b'mandat tal-qorti u mressqa quddiem l-istess qorti fil-jum li jkun imsemmi fil-mandat."*

*Illi fis-sentenza mghotija fit-18 ta' Ottubru 2005 mill-Qorti ta'l-Appell Kriminali fil-kawza f'l-ismijiet Pulizija vs John Mary Briffa, fejn l-appellant f'dik il-kawza gie akkuzat b'reati li allegatament sehhew "ghall-habta tas-7.30 p.m." mentri l-provi kienu jirrigwardaw incident li sehh "ghall-habta tas-7.30 a.m.", intqal li:*

> *"L-imputazzjoni ghalhekk kif impostata qed tirreferi ghal xi haga li allegatament grat tnax-il siegha wara u l-ewwel Qorti hekk sabet lill-appellant hati. Mill-provi ma jirrizultax li gara xi incident fil-hin indikat f'l-imputazzjoni u ghalhekk l-appellant ma setax jinsab hati kif fil-fatt insab.* ***Il-frazi "ghall-habta ta' " tindika hin approssimattiv u tinkludi hin vicin dak imsemmi f'l-imputazzjoni***[3] *izda zgur mhux tnax-il siegha wara. Il-prosekuzzjoni qalet li huwa ovvju li dan kien zball dattilografu. Jekk inhuwa hekk, il-prosekuzzjoni kellha tiehu hsieb taghmel jew titlob il-korrezzjoni opportuna tempestivament"*

*Illi dan l-istess principju gie riaffermat mill-istess Qorti ta' l-Appell Krminali f'diversi kawzi ohra inkluz dawk f'l-ismijiet Pulizija vs Warren Piscopo u Pulizija vs Rita Thuema, it-tnejn decizi fid-19 ta' Ottubru 2011.*

*Illi b'applikazzjoni ta' dawn il-principji ghall-kaz in ezami huwa car li l-imputati odjerni ma jistghux jinstabu hatja ta' l-imputazzjonijiet lilhom addebietati ghaliex dawn jirreferu ghal fatti li suppost sehhew fid-29 ta' Ottubru 2009 fil-hdax ta' fil-ghaxija meta il-provi li ngiebu quddiem din il-Qorti jirreferu ghal-fatti li sehhew fid-29 ta' Ottubru 2009 fit-tlieta u nofs ta' fil-ghodu.*

---

[3] Sottolinear tal-esponenti

*Ghal dawn il-motivi ma ssibx lill-imputati hatja ta' l-imputazzjonijiet kif dedotti u tilliberahom minnhom."*

Illi tant id-data u l-ħin huma element importantissimi li jridu jiġu pruvati skond kif tallega l-prosekuzzjoni, li anke fejn kien hemm ammissjoni l-Qorti tal-Appell waslet biex tillibera lill-appellant minħabba żball fid-data fuq iċ-ċitazzjoni[4].

Illi sentenza oħra li trattat dan il-punt dwar id-dettalji fiċ-ċitazzjoni u l-importanza li jiġu pruvati hija ***il-Pulizija vs Kurt Falzon***, deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Settembru 2021 mill-Imħallef Dr. A Bugeja, li ukoll trattat każ ta' *ragion fattasi*, fejn hemmhekk il-Qorti wara li għamlet rassenja tal-ġurisprudenza relevanti anke tul is-snin li għaddew u daħlet fil-kwistjoni tal-insenjamenti dwar iċ-ċitazzjoni bħala *avviso di comparire*, xorta waħda illiberat lill-appellanti minħabba żball fid-data:

> *"36. Is-sitwazzjoni fil-każ odjern hija tali li l-Prosekuzzjoni xliet lill-appellat li wettaq reat f'data u ħin partikolari u* ***l-provi prodotti wrew li huwa wettaq ir-reat f'data differenti minn dik li ġiet imputata lilu.*** *Irriżulta wkoll li ma saret ebda korrezzjoni tal-partikolaritajiet taż-żmien u ħin imputati fl-istadju debitu. Din għalhekk mhix kwistjoni ta' kunflitt bejn żewġt xhieda dwar id-data ta' meta twettaq ir-reat f'kuntest fejn iż-żewġt dati jkunu ġew koperti bil-parametri ta' żmien u ħin indikati fl-avviż. Dan ikun jista' jitqies bħala kunflitt fil-verżjonijiet mogħtija fil-kors tas-smiegħ tax-xiehda u li jista' jkollu ċerti konsegwenzi fuq il-ġudizzju.*
>
> *37. Il-każ odjern huwa tali li jindika, anke minn ċerti tweġibiet tal-parte civile stess, li l-partikolarita taż-żmien indikata fl-avviż setgħet kienet żbaljata, jew almenu inċerta. Din ma ġietx b'xi mod korretta fl-istadju proċedurali debitu; u biex il-Qorti tkun ċara, din mhux dejjem tkun tort tal-Prosekuzzjoni.* ***B'hekk ikun jirriżulta li l-prova dwar meta jkun ġie mwettaq ir-reat de quo ma tkunx koperta in kwantu tkun taqa' barra mill-parametri taż-żmien li fih il-Prosekuzzjoni tkun qegħda tixli lill-imputat****.*

[4] Vide sentenza su riferita il-Pulizija vs Andrè Falzon, deċiża mill-Qorti tal-Appell per Imħ. Dr. Edwina Grima, nhar id-19 ta' Novembru 2015

*38. F'dan il-każ jirriżulta li hemm element ta' konfużjoni dwar meta effettivament inbidlet is-serratura tal-bieb ta' barra tar-residenza tal-konjuġi Falzon – konfużjoni li fil-kamp penali ma tistax timmilita favur sejbien ta' ħtija – in kwantu sabiex tinstab ħtija din tkun trid tistrieħ fuq provi sikuri u mhux provi inċerti jew konfużi.*

*45. Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, din il-Qorti tqis li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kellha quddiemha sitwazzjoni fejn it-tibdil seta' seħħ fl-24 ta' Ottubru daqskemm fil-25 ta' Ottubru skont l-appellat jew inkella fis-26 ta' Ottubru daqskemm fis-27 ta' Ottubru skont ilparte ċivile. Din il-Qorti tistqarr li mhux l-ewwel darba li Qorti jkollha sitwazzjoni fejn mill-provi ma tkunx tirriżulta d-data preċiża ta' meta jkun seħħ l-ispoll anki għaliex f'każijiet ta' din in-natura, is-suġġett attiv tar-reat ikun normalment aġixxa bil-moħbi u għalhekk ikun sussegwentement sar ir-rapport mal-Pulizija da parte tas-suġġett passiv tar-reat meta dan tal-aħħar effettivament ikun induna li jkun ġie hekk turbat fil-pussess tiegħu. Iżda, f'dan il-każ partikolari, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kienet marbuta bid-diċitura taċ-ċitazzjoni liema ċitazzjoni ndikat data preċiża u mhux żmien approssimattiv ta' meta effettivament seħħet ir-ragion fattasi. Dan ifisser illi l-insenjament tal-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawżi John Mary Briffa, Rita Theuma u Warren Piscopo rispetttivament, isib applikazzjoni f'dan il-każ.*

*46. Għalhekk, din il-Qorti tqis li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ma setgħetx issib ħtija fl-appellat għal tibdil fis-serratura li seħħ nhar is-27 ta' Ottubru 2017 in kwantu jirriżulta mingħajr dubju dettat mir-raġuni li dakinhar tas-27 ta' Ottubru 2017 il-parte ċivile ndunat bit-tibdil imma mhux li fis-27 ta' Ottubru 2017 kien seħħ it-tibdil fis-serraturi.*
*47. F'dan il-każ il-Prosekuzzjoni għażlet li tintrabat esklussivament mad-data tas-27 t'Ottubru 2017; u fl-avviż ma saret ebda riferenza għal żmien qabel din id-data. Dan qiegħed jingħad b'mod partikolari għaliex din il-Qorti tqis li r-reat ikkontemplat mid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 85(1) tal-Kodiċi Kriminali huwa reat ta' natura istantanja allavolja l-effetti tiegħu jaf ikunu ta' natura duratura jew permanenti.*
*...........*
*52. Dan ikun ifisser għalhekk li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kienet korretta fid-deċiżjoni tagħha li tikkunsidra li l-azzjoni kif proposta mill-Prosekuzzjoni kontra Kurt FALZON ma setgħetx tirnexxi. Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kienet korretta wkoll*

*fir-raġunament tagħha li għalkemm jirriżultaw lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni l-elementi li jsawru r-reat ta' ragion fattasi,* ***il-Prosekuzzjoni naqset li tipprova sodisfaċentement li dan twettaq fil-parametri temporali hekk ippreżentati fiċ-ċitazzjoni kontra l-imputat qua appellat.*** *In oltre, ma jirriżultax li ntalbet xi korrezzjoni tal-imputazzjoni saż-żminijiet opportuni. Għaldaqstant, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) setgħet kemm legalment kif ukoll raġonevolment tasal għall-konklużjoni tagħha li tillibera lill-imputat qua appellat."*[5]

Sentenzi oħra li ġew deċiżi similarment bl-applikazzjoni tal-insenjamenti supra kienu:

- ***The Police vs Mohammed Hussein Abdi***, decided by the Court of Appeal on the 18th of December 2017
- ***Il-Pulizja vs John Paul Azzopardi,*** deċiża nhar it-30 ta' Novembru, 2017 mill-Qorti tal-Appell
- ***Il-Pulizija vs John Tanti,*** deċiża nhar il-31 ta' Lulju 2019 mill-Qorti tal-Appell

Magħmula dawn is-sottomissjonijiet dwar il-kwistjoni tad-data u l-ħin fiċ-ċitazzjoni, l-esponenti jagħmel referenza għall-kawża ***il-Pulizija vs Rita Zammit***, deċiża mill-Qorti tal-Appell nhar l-14 ta' April 2005 liema kawża tiġi spiss ċitata mill-Qrati meta jitrattaw żball f'dettalji bħala data u ħin fiċ-ċitazzjoni. Fil-kaz odjern, l-Avukat Ġenerali kien intavola appell wara li l-imputata ġiet liberata minħabba żball fid-data tal-akkuża, fejn l-Avukat Ġenerali kien ilmenta li l-Ewwel Qorti kienet skorretta li ma laqgħetx it-talba tal-prosekuzzjoni għall-korrezzjoni tad-data. Il-Qorti tal-Appell hawnhekk kienet ċahdet l-appell tal-Avukat Ġenerali u kienet iddikjarat is-segwenti:

*"Ghal kull buon fini pero' jigi osservat bhala linea ta' gwida li l-Ewwel Qorti ghamlet sew li ma laqghetx it-talba ghall-korrezzjoni tac-citazzjoni f' cirkostanza tant materjali w sostanzjali bhal ma hija d-data tal-kommissjoni tal-allegat reat, wara li mhux biss kienu gew konkjuzi l-provi tal-prosekuzzjoni, imma sahansitra kienet xehdet l-appellata u ghalqet il-provi taghha w saret it-trattazzjoni mid-difiza w sahansitra l-kawza kienet gja differita ghas-sentenza. Meta l-appellata ddecidiet li toffri x-xhieda taghha, hija kellha sitwazzjoni kristallizata quddiemha u cioe' serje ta' provi li kollha jindikaw li l-allegat reat kien gara xaharejn qabel id-data indikata, sia pure erronjament*

[5] Sottolinear tal-esponenti

*millprosekuzzjoni, fl-akkuza. Ghalhekk meta ppreparat iddifiza taghha kellha kull dritt tistenna li ma jiccaqalqux illasti w l-parametri tal-akkuza minn dawk li kienu sa millbidu nett tal-kawza. Altrimenti, kieku jigu ammessi korrezzjonijiet ta' natura hekk sostanzjali, wara li jkun xehed l-akkuzat u d-difiza tkun ghalqet il-kaz taghha , dan ikun abbuz lampanti mill-process penali a skapitu tal-persuna akkuzata w tali agir , apparti li fil-fehma ta' din il-Qorti ikun jikkostitwixxi minaccja serja ghad-dritt ta' smiegh xieraq , ikun qed ikun ingust mad-difiza w mall-akkuzat b' mod li johloq pregudizzju w dannu rrimedjabbli."*[6]

Illi magħmula tali rassenja ta' ġurisprudenza u applikati l-istess insenjamenti għal fatti speċi tal-appell in kwistjoni l-esponenti umilment jissottometti illi fil-każ odjern, una volta li l-prosekuzzjoni akkużat lill-esponenti li allegatament ikkommetta reat f'data u ħin partikolari, tenut kont il-provi li ġew imressqa fil-proċeduri, huwa ma jistax jinstab ħati tal-akkuża kif dedotta kontra tiegħu.

Illi dan qed jingħad għaliex filwaqt li, kif diġà ġie aċċennat iktar il-fuq, il-prosekuzzjoni għoġobha takkuża lill-esponenti b'data u ħin partikolari, l-provi tal-prosekuzzjoni jindikaw li jekk seħħet illegalità, din seħħet siegħa qabel, ossia f'ħin li ma jaqax u ma huwiex kopert fiż-żmien li bih l-prosekuzzjoni xliet lill-esponenti.

Illi, strettament mingħajr preġudizzju dwar il-kwistjoni tal-identità imressqa fl-aggravju preċedenti, mill-provi tal-prosekuzzjoni jirriżulta li fil-ħin indikat fiċ-ċitazzjoni, ossia għall-ħabta tas-07.24hrs, ma seħħet l-ebda illegalita.

Il-pulizija fl-affidavits tagħhom kollha jgħidu li f'dak il-ħin, i.e. għall-ħabta tas-07.24hrs huma kienu irċevew telefonata minn Llyod Scott dwar allegat bird caller attivat u xi kaċċatur li kien bis-senter fi staġun magħluq, li marru jiltaqgħu fuq il-post ma' Llyod Scott fit-08.00hrs u li meta imbagħad minn hemm marru fuq il-post li indikalhom Scott huma filwaqt li sabu lill-epsonenti fuq is-sit, però ma sabu xejn illegali. Anzi f'dak il-ħin l-esponenti ma kellu l-ebda arma fuqu, u minn hemm baqgħu sejrin fir-residenza tal-esponenti u sabu l-armi ġewwa r-residenza.

---

[6] Vide ukoll sentenza oħra simili ***il-Pulizija vs Christopher Ryan et***., deċiża mill-Qorti tal-Appell nhar l-10 ta' April 2014.

Kwindi minn tali provi tal-prosekuzzjoni se mai jirriżulta li għall-ħabta tas-07.24hrs l-esponenti ma kkommetta l-ebda illegalità.

Illi imbagħad jekk wieħed joqgħod fuq it-testimonjanza ta' Llyod Scott, dan tal-aħħar jgħid b'mod ċar li l-allegat każ seħħ "*quite early in the morning, 6.30 in the morning*". Fid-dawl ta' tali diskrepanza, d-difiża ssottomettiet li l-esponenti ma kellux jinstab ħati minħabba li l-prosekuzzjoni ma pruvat l-ebda illegalità fil-ħin indikat fiċ-ċitazzjoni. L-Ewwel Onorabbli Qorti irrifjutat tali sottomissjoni u rriteniet li:

> *"Huwa minnu li mill-provi mressqa jirrizulta li kien propju ghall-habta tas-6.30hrs li l-membri tal-CABS jixhdu li l-qua imputat spara fuq tajra. Ic-citazzjoni redata mill-prosekuzzjoni tindika ghall-habta tas-7.24hrs u cioe'* ***44 minuta*** *wara l-isparatura. Il-fatt li lanqas inqabzet is-siegha zmien mill-hin li fiha jirrizula li sehhet l-isparatura, din il-Qorti hija tal-fehma li din taqa fil-parametri ta' hin indikat fic-citazzjoni. Di piu' din il-Qorti tosserva ukoll li mill-filmat jirrizulta car li l-imputat baqa' fl-ghalqa bis-senter f'idu ghal diversi minuti wara s-6.30hrs. Ghaldaqstant fit-termini tal-ligi, l-qua imputat kien prezunt li kien ghall-kacca f'dak il-hin."*

Illi l-esponenti però, bir-rispett, ma jaqbilx ma tali raġunament in kwantu tali raġunament huwa wkoll msejjes fuq premessi żbaljati u fuq assunzjonijiet li ma jirriżultawx mill-provi.

Fl-ewwel lok, jekk l-isparatura seħħet fis-06.30hrs skond kif jixhed Scott, ifisser li ċ-ċitazzjoni indikat ħin ta' 54 minuta wara l-isparatura u mhux 44 minuta. 54 minuta huma kważi siegħa, u diffiċilment wieħed jikkonkludi li siegħa wara jew qabel taqa' fil-parametri tal-ħin indikat fiċ-ċitazzjoni li ġie kwalifikat bil-kliem "għall-ħabta".

Illi skond il-ġurisprudenza f'każ li ċitazzjoni tkun issemmi data partikolari u xi żmien qabel, tali lokuzzjoni għandha tingħata t-tifsira skond il-kalendarju.

Illi fil-kawża ***il-Pulizija vs Jefrin Grech***, deċiza mill-Qorti tal-Appell per Imħ. Dr. A Bugeja ġie ritenut li:

*"51. Apparti minn hekk anke l-lokuzzjoni wiesa li tinkludi jiem u xhur, għalkemm hija lokuzzjoni li hija aċċettata minn dawn il-Qrati xorta waħda trid tiġi użata b'ċerta attenzjoni. Fil-fehma ta' din il-Qorti din il-lokuzzjoni għandha tingħata t-tifsira ordinarja skont il-kalendarju. B'hekk il-kalendarju għandu kliem li jirriflettu kunċetti termporali speċifiċi. Erba' u għoxrin siegħa jagħmlu jum............"*

Sitwazzjoni simili kienet ukoll ġiet trattata fil-kawża fl-ismijiet ***il-Pulizija vs Pauline Fenech,*** deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati nhar il-11 ta' Jannar 2022 fejn il-Qorti tat interpretazzjoni iżjed ristretta tal-kliem "*xhur ta' qabel*" fejn argumentant li xhur qabel ma tinkludix sena sħiħa, u iddikjarat li:

*"Kif inghad, l-imputata ġiet mixlija illi kkommettiet ir-reati lkoll addebitati lilha fiċ-Ċitazzjoni "f'Mejju 2012 u fix-xhur ta' qabel". Isegwi għalhekk illi kif impostata, l-imputazzjonijiet jirreferu neċessarjament għal fatti li graw f'Mejju 2012 jew f'xhur anteċedenti dik id-data. Filwaqt li bl-użu tal-plural fil-kelma "xhur" l-ispazju temporali tal-fatti li għalihom jirreferu l-imputazzjonijiet jista' jitqies li gie estiż ghal diversi xhur qabel Mejju 2012, il-Qorti pero` tqis illi l-parametri tal-kelma "xhur", b'mod generali, għandhom ifissru dawk il-ftit xhur qabel id-data speċifikata u ma jistgħu qatt jiġġebbdu biex jinkludu fihom fatti li jkunu seħħew sitta, seba' jew tmien xhur jew iktar, qabel. Wisq anqas ma jistgħu jidħlu fl-iskop tal-kliem "fix-xhur ta' qabel", dawk ix-xhur tas-sena ta' qabel id-data"*

Illi l-esponenti huwa bed edott mill-fatt li dawn il-kawżi ma kienux jitrattaw sitwazzjoni identità li titratta t-tifsira ta' "għall-ħabta ta'", madanakollu, a bażi ta' tali insenjament isegwi li għall-ħabta tas-07.24hrs, se mai kellha tinkludi kwarta qabel jew wara, iżda mhux kważi siegħa qabel.

Illi jekk il-prosekuzzjoni riedet tindika ħin iżjed il-bogħod minn kwarta, allura kellha iżżid il- ħin, stante li l-kliem "għall-ħabta ta'" jindikaw ħin approssimattiv u viċin l-istess ħin iżda mhux ħin il-bogħod ta' kważi siegħa. Il-buon sens u l-esperjenza tal-hajja jgħallmuna li jekk wieħed jkollu appuntament jew jiftiehem ma' xi ħadd biex jiltaqa' miegħu "għal ħabta tas-07.24hrs", wieħed jistenna li jiltaqa' kwarta qabel jew wara, iżda mhux li jiltaqgħa f'xi is-06.24hrs jew 08.24hrs. Anzi, jekk jiġri hekk u jkun

ser jiltaqa' kważi siegħa wara, dak li jkun jgħid li mhux ser ikun fil- ħin u ser jkun qiegħed jasal tard!

Fil-kawża ***il-Pulizija vs John Mary Briffa***[7], il-Qorti tal-Appell daħlet fil-kwistjoni tad-definizzjoni ta' "għall-ħabta ta'" u ddikjarat li:

> *"Il-frazi "ghall-habta ta' " tindika hin approssimattiv u tinkludi* ***hin vicin*** *dak imsemmi f'l-imputazzjoni..."*

Konsiderazzjoni oħra li għamlet l-Ewwel Onorabbli Qorti u li a bażi tagħha waslet biex tiċħad l-eċċezzjoni tal-esponenti hija li skond hi l-imputat baqa' fl-għalqa bis-senter f'idu għal diversi minuti wara s-6.30hrs.

Din il-konsiderazzjoni però ma hijiex sorretta mill-provi stante li l-filmati li ġew esebit ma fihom l-ebda data jew ħin. In oltre, tali filmati huma qosra u ta' ftit minuti biss.

Kwindi fin-nuqqas tad-dettalji dwar il-filmati il-Qorti ma setgħetx raġjonevolament tasal għall-konkluzzjoni li l-persuna fil-filmat baqa' fl-għalqa bis-senter f'idu għal diversi minuti wara s-06.30hrs. Kull ma setgħet tikkonkludi biss kien li baqa' fl-għalqa għal diversi minuti, iżda f'liema ħin tal-ġurnata kienu dawn il-minuti ma jirriżultawx mill-filmat, u lanqas ma jirriżultaw mit-testimonjanza ta' Scott.

Għaldaqtsant, fid-dawl tal-iskorta ta' ġurisprudenza supra ċitata l-esponenti umilment jikkontendi li mingħajr preġudizzju dwar l-ewwel aggravju, l-esponenti għandu jiġi liberat mill-imputazzjonijiet li tiegħu ġie misjub ħati.

Dan qed jingħad mhux biss għaliex qed jiġi allegat li hemm żball fil-ħin indikat fiċ-ċitazzjoni, iżda għaliex fil- ħin indikat fiċ-ċitazzjoni jirriżulta pruvat mill-affidavit tal-pulizija li ma seħħet l-ebda illegalita, u x-xhud tal-prosekuzzjoni Scott jiddikjara li l-allegat illegalità seħħet siegħa l-ħin indikat fiċ-ċitazzjoni. Kwindi, l-prosekuzzjoni, li

[7] Supra ċitata

għażlet li tirrediegi ċ-ċitazzjoni b'dak il-mod, ma pruvatx il-każ entro l-parametri temporali indikati minnha stess.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant.

Rat ir-risposta tal-Avukat Generali ipprezentata fir-registru ta' dan il-qorti nhar l-20 ta' Gunju, 2023, kif ukoll l-atti kollha tal-kaz.

Semghet is-sosttomissjonijiet tal-partijiet.

**Ikkunsidrat**

Illi l-ewwel aggravju tal-appellant jirrigwardja l-punt li d-dikjarazzjoni tal-imputat ma twassalx awtomatikament ghall-htija. L-appellant jghid illi l-Ewwel Qorti waslet ghas-sejbien ta' htija a bazi ammissjoni tal-imputat stess u dan wara li qieset il-filmat li gie esebit li ma kienx car u ma setax jitqies bhala prova sodisfacenti t' identifikazzjoni sal-grad rikjest mill-ligi. Din il-Qorti jidrilha illi sabiex hija tiddeciedi dwar dan l-aggravju bhala Qorti ta' revizjoni ghandha s-setgha li tara jekk l-Ewwel Qorti setghetx legalment u ragonevolment tasal ghall-konkluzjoni milhuqa minnha fis-sentenza taghha. Biex taghmel dan ix-xoghol ta' revizjoni din il-Qorti, tkun trid tifli l-provi u l-argumenti migjuba quddiem il-Qorti tal-Magistrati u tara jekk, u safejn, b'dawk il-provi li kellha quddiemha, il-Qorti tal-Magistrati setghetx tasal ghall-konkluzjonijiet taghha kif jidhru fis-sentenza b'mod tajjeb u skont il-Ligi.

Jekk din il-Qorti tara li l-Qorti tal-Magistrati setghet tasal ghall-konkluzjonijiet li waslet ghalihom skont il-provi u l-argumenti legali li kellha quddiemha, anke jekk dik ma kienetx l-unika konkluzjoni li dik il-Qorti setghet tasal ghaliha, allura din il-Qorti ma tibdilx il-konkluzjonijiet milhuqa mill-Qorti tal-Magistrati. Dan peress li jekk il-Qorti tal-Magistrati tkun ghamlet xogholha tajjeb, din il-Qorti ma tistax taqbad u tibdlilha s-sentenza taghha, jekk mhux ghax ikun hemm raguni valida. Il-fatt biss li l-appellant ma jkunx jaqbel mal-konkluzjonijiet tas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati mhux bizzejjed biex din il-Qorti tibdel is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati.

Jekk mill-banda l-ohra din il-Qorti tara li, mill-provi li ngiebu jew mill-argumenti legali imresqin quddiemha, l-Qorti tal-Magistrati tkun zbaljat fl-apprezzament tal-provi jew fl-interpretazzjoni tal-argumenti legali imressqin quddiemha, b'mod li allura din il-Qorti tqis ma jkunx sigur u sodisfacenti li tistrieh fuq dawk ilkonkluzjonijiet, allura din il-Qorti imbaghad ghandha s-setgha u d-dmir li tibdel dik is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati, jew dawk il-partijiet minnha li jirrizultaw li jkunu zbaljati jew li ma jirriflettux il-Ligi.[8]

Fis-seduta ta' nhar l-10 ta' Jannar, 2023 il-prosekuzzjoni esebiet NPS report immarkat bhala Dok. X1[9] fejn inghad illi nhar it-8 t' April 2022, il-Pulizija kienet waqt ronda rigward kacca u nsib illegali ghall-habta ta' 07.24 hrs. PC 572 ircieva telefonata mill-*control room* fejn Lloyd Scott mill-NGO CABS irraporta li fl-inhawi tal-Imgarr, Malta kien hemm *bird caller* li kien attivat u kienu raw ukoll kaccatur b'senter u dan fi stagun maghluq ghall-kacca. Il-Pulizija marru fuq il-post fejn ghall-habta ta' 8.00hrs iltaqghu ma' Lloyd Scott fejn ir-*roundabout* li tiehdok ghal Bingemma fejn dan uriehom xi ritratti fejn deher persuna liebes hadrani bil-beritta u kellu xi haga sewda f'idu, x'aktarx senter tal-kacca, liema ritratti ma kienux daqshekk cari. Lloyd indika wkoll lill-pulizija l-post fejn kien lemah dan l-imsemmi persuna. Il-pulizija marru fuq il-post, fejn waqt li kienu qed jispezjonaw l-post lemhu ragel miexi fejn id-dura li kien liebes hadrani. Dan gie mitkellem mill-pulizija fejn inghata s-solita twissija u d-dritt li jikkonsulta m'avukat tal-ghazla tieghu fejn dan irrifjuta d-dritt u wkoll iffirma dikjarazzjoni. Dan il-persuna rrizulta li kien Paul Vella li kien qal lil Pulizija li ma kienx hareg ghall-kacca dakinhar u li ma kellux senter mieghu. Hu kien qal li l-armi kienu kollha d-dar. Il-Pulizija wettqet spezzjoni fl-ghalqa fil-prezenza ta' Paul izda ma gie nnutat xejn

[8] Ara wkoll, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta vs Rida Salem Suleiman Shoaib**, 15 ta' Jannar 2009; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Paul Hili**, 19 ta' Gunju 2008; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Etienne Carter**, 14 ta' Dicembru 2004; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez u Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina**, 24 ta' April 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak**, 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed**, 5 ta' Lulju 2002; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija vs Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004, **Il-Pulizija vs Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; Il-**Pulizija vs Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija vs Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija vs Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija vs Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija vs Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.
[9] Fol. 7 et seq. tal- process.

irregolari. Minn hemmhekk il-Pulizija marret ma' Paul fir-residenza tieghu fejn ghamlet spezzjoni tal-armi fejn instab kollox skond il-ligi u l-armi kienu kollha d-dar. Aktar tard il-pulizija regghet ltaqghet ma' Lloyd fejn dan qal li kellu footage fejn dan gie moghti struzzjonijiet sabiex jibghathom lill-Ispettur Magro tal-EPU ghal aktar stharrig. Ir-rapport gie aggornat minn PC 572 nhar l-14 t' April 2022 fejn gie mizjud li nhar it-13 t' April, 2022 ghall-habta ta' 18.45 hrs il-Pulizija ltaqghet ma' Paul Vella gewwa l-ufficini tal-EPU. Dan wara li iktar kmieni dakinhar kien gie pprovdut lilhom file bin-numru EPU/043/2022, mahrug mill-Ispettur Magro. Lloyd Scott kien ghadda iktar dettalji, fosthom filmati u ritratti li kien gibed fit-8 t' April, relatati ma' dan il-kaz, fejn il-Pulizija din id-darba setghet tgharaf tajjeb lil Paul Vella, fejn gie nnutat b'senter tal-kacca f'idejh, u minn gewwa d-dura mmira, wara ftit harget dahna minn quddiem l-istess arma, fejn imbghad hareg mid-dura, beda miexi bl-arma f'idu w'wara ftit tal-minuti deher li kellu xi haga ta' lewn car f'idejh, izda l-istess pulizija ma setawx jidentifikaw x'kien dak l-oggett. Meta l-Pulizija ltaqghet mal-imsemmi Paul Vella, dan inghata t-twissija kif ukoll id-dritt li jikkonsulta m'avukat tal-ghazla tieghu, fejn dan irrifrjuta dan id-dritt u ffirma dikjarazzjoni 000105 tal-istess rifjut. Vella gie muri l-filmat imsemmi hawn fuq u ammetta li l-persuna ghall-kacca hekk fl-istagun maghluq kien hu. Nhar l-14 t' April 2022, gie elevat is-senter ta' Paul minn gewwa r-residenza tieghu. Dan tal-ahhar inghata ricevuta, fejn din anke giet iffirmata minn Paul stess.

<u>**PC 349 Daniel Caruana**</u>[10] xehed permezz t' affidavit fejn tenna illi nhar it-8 t' April 2022 f'07:24 hu flimkien ma' PC 572 u PC16 ircevew telefonata mill-*control room* fejn fuq il-linja kien hemm Lloyd Scott mill-NGO CABS fejn irraporta li fl-inhawi tal-Imgarr, Malta kien hemm xi *bird caller* li kien attivat u wkoll kienu raw xi kaccatur li kien bis-senter fl-istagun maghluq tal-kacca. Il-Pulizija marret tiltaqa' ma Lloyd fil-hin ta' 08.00 hdejn ir-*roundabout* li tiehdok ghall-Bingemma. Lloyd kien uriehom xi ritratti fejn fihom kienet tidher persuna liebsa hwejjeg b'lewn hadrani, bil-beritta u b'xi haga sewda f'idejh li x'aktarx kien senter tal-kacca. Lloyd kien indika lill-pulizija fejn kien jinstab dan il-kaccatur. Il-pulizija marru fuq dan il-post indikat lilhom fejn hemmhekk sabu persuna maskili li kienet liebsa l-istess hwejjeg li kienet tidher fihom il-persuna li kienet fir-ritratti li gew mehuda minn Lloyd. Paul Vella kien gie mitkellem u nghata

[10] Fol. 12 et seq tal-process.

d-drittijiet tieghu li hu rrifjuta. Vella qal li ma kienx hemm ghall-kacca u li lanqas kellu senter mieghu. Il-pulizija ghamlet spezzjoni gewwa d-dar ta' Paul fejn sabet li kien hemm kollox skont il-ligi u li l-armi kienu kollha d-dar kif Paul stess kien stqarr. Il-pulizija wara li telqet minn fuq il-post regghet tkellmet ma' Lloyd fejn dan min-naha tieghu qal li kellu xi *footage* fejn dan gie mghoti struzzjonijiet sabiex jibghathom lill-Ispettur Magro tal-EPU ghal aktar stharrig. Nhar it-13 t' April 18.45hrs l-istess pulizija msemmija f'dan ir-rapport iltaqghu ma' Vella gewwa l-ufficju tal-EPU u dan ghaliex dakinhar stess huma gew mghotija file bin-numru EPU/043/2022 mahrug mill-Ispettur Magro tal-EPU fejn go dan il-file kien hemm xi filmati kif ukoll ritratti mehuda minn Lloyd Scott fit-8 t' April fejn kienet tidher persuna maskili li l-pulizija setghet tidentifika bhala Paul Vella b'senter f'idejh gewwa d-dura, jimmira u ftit wara harget dahna minn quddiem l-istess arma. Paul hareg mid-dura miexi b'senter f'idejh imbghad deher li kellu xi haga ta' lewn car f'idejh, izda l-pulizija ma setghux jidentifikaw x'kien dan l-oggett. Meta l-pulizija regghu ltaqghu ma' Vella, hu rega' inghata d-drittijiet tieghu u hu rrifjuta li jikkonsulta m'avukat. Paul gie muri l-filmat imsemmi, fejn hu kien ammetta li l-persuna ghall-kacca fi stagun maghluq kien hu. Hu ntalab jghaddi l-arma lill-pulizija u gie nfurmat kienu ser jinhargu akkuzi fil-konfront tieghu.

**<u>PC 2151 Francesca Zahra</u>**[11] xehedet permezz t'affidavit in rapprezentanza tal-*Weapons* ufficju Mosta fejn qalet li Paul Vella ghandu licenzja talk-kacca tal-ghasafar tal-art u tal-kacca tal-fenek selvagg. Il-licenzji kienu thallsu ghas-sena 2022 u specifikat ukoll l-armi li Vella kellu rregistrati f'ismu.

**<u>PC 16 Emanuel Zammit</u>**[12] xehed permezz t' affidavit fejn tenna illi nhar it-8 t' April 2022 ghall-habta ta' 7:24 hrs hu flimkien ma PC 572 u PC349, PC 572 ircieva telefonata mill-*control room* fejn fuq il-linja kien hemm Lloyd Scott mill-NGO CABS fejn irraporta li fl-Imgarr, Malta kien hemm xi *bird caller* li kien attivat u wkoll kienu raw xi kaccatur li kien bis-senter fl-istagun maghluq tal-kacca. Il-pulizija marret tiltaqa' ma Lloyd fil-hin ta' 08.00 hdejn ir-*roundabout* li taghti ghall-Bingemma. Lloyd kien uriehom xi ritratti fejn fihom kienet tidher persuna liebsa hwejjeg b'lewn hadrani, bil-beritta,

[11] Fol. 27 tal-process.
[12] Fol. 31 et seq tal-process.

nuccali u b'xi haga sewda f'idejh li ma setghux ikunu certi x'kien. Lloyd kien indika lill-pulizija fejn kien jinstab dan il-kaccatur u anke ghaddielhom il-koordinati. Il-pulizija marru fuq dan il-post indikat lilhom fejn hemmhekk sabu persuna maskili li kienet liebsa l-istess hwejjeg li kienet tidher fihom il-persuna li kienet fir-ritratti li gew murija lilhom mir-rapprezentant tal-CABS. Dan il-persuna mexa lejn id-dura. Wara li inghatghu d-drittijiet lil din il-persuna rrizulta li kien Paul Vella. Dan irrifjuta li jikkonsulta m' avukat tal-ghazla tieghu. Vella qal li ma kienx hemm ghall-kacca u li l-armi tieghu kienu jinsabu fil-fond fejn huma rregistrati. Il-pulizija ghamlet spezzjoni gewwa l-ghalqa u gewwa d-dar ta' Paul fejn ma sabet li kien hemm xejn irregolari. L-armi rregistrati fuqu kollha kienu jinsabu hemm. Il-pulizija wara li telqet minn fuq il-post regghet tkellmet ma' Lloyd fejn dan minn-naha tieghu qal li kellu xi filmati/ritratti fejn dan gie mghoti struzzjonijiet sabiex jibghathom lill-Ispettur Magro tal-EPU ghal aktar stharrig. Nhar it-13 t' April 18.45hrs l-istess pulizija msemmija f'dan ir-rapport iltaqghu ma' Vella gewwa l-ufficju tal-EPU u dan ghaliex dakinhar stess huma gew mghotija file bin-numru EPU/043/2022 mahrug mill-Ispettur Magro tal-EPU fejn go dan il-file kien hemm xi filmati kif ukoll ritratti mehuda minn Lloyd Scott fit-8 t' April fejn kienet tidher persuna maskili li l-pulizija setghet tidentifika bhala Paul Vella b'senter f'idejh gewwa d-dura, jimmira u ftit wara harget dahna minn quddiem l-istess arma. Paul hareg mid-dura miexi b'senter f'idejh imbghad deher li kellu xi haga ta' lewn car f'idejh, izda l-pulizija ma setghux jidentifikaw x'kien dan l-oggett. Meta l-pulizija regghu ltaqghu ma' Vella, hu rega' nghata d-drittijiet tieghu u hu rrifjuta li jikkonsulta m'avukat. Paul gie muri l-filmat imsemmi, fejn hu kien ammetta li l-persuna ghall-kacca fi stagun maghluq kien hu. Hu ntalab jghaddi l-arma lill-pulizija u gie nfurmat kienu ser jinhargu akkuzi fil-konfront tieghu.

**<u>PC 572 Antoine D'Amato</u>**[13] xehed permezz t'affidavit fejn spjega illi nhar it-8 t' April, 2022 ghal habta ta' 07:42 hrs waqt li kien xoghol ma PC 16 u PC 349 u kienu fuq ronda rigward kacca u nsib illegali, hu rcieva rapport mill-*control room* tal-pulizija fuq il-mobile tieghu fejn fuq il-linja kien hemm membru tal-CABS certu Lloyd Scott fejn irraporta li fl-inhawi tal-Imgarr, Malta kien lemah xi kaccatur bis-senter u kif ukoll kien hemm xi *bird caller* li kien mixghul waqt stagun maghluq. Hu flimkien mal-kollegi

[13] Fol. 38 et seq tal-process.

tieghu ltaqghu ma' Lloyd fil-hin ta' 08.00 hdejn ir-*roundabout* li tiehdok ghall-Bingemma. Lloyd kien uriehom fuq il-camera xi ritratti ta' kaccatur li hu kien ra. Kienet tidher persuna liebsa hwejjeg b'lewn hadrani, bil-beritta u b'xi haga sewda f'idejh. Lloyd kien indika lill-pulizija fejn kien jinstab dan il-kaccatur. Il-pulizija marru fuq dan il-post indikat lilhom fejn hemmhekk sabu persuna maskili li kien liebes hadrani u miexi lejn dura. Dan ir-ragel inghata d-drittijiet tieghu u rrifjuta li jikkonsulta m'avukat u sahansitra ffirma dikjarazzjoni. Irrizulta li dan il-bniedem kien Paul Vella. Vella qal li ma kienx hemm ghall-kacca u li lanqas kellu senter mieghu. Il-Pulizija ghamlet spezzjoni fl-inhawi u sussegwentament gewwa d-dar ta' Paul fejn sabet li ma kien hemm xejn irrgeolari. Nhar it-13 t' April 18.45hrs hu flimkien ma' PC 16 u PC 349 iltaqghu ma' Vella gewwa l-ufficju tal-EPU u dan ghaliex huma gew mghotija file bin-numru EPU/043/2022 mahrug mill-Ispettur Magro tal-EPU fejn go dan il-file kien hemm xi filmati kif ukoll ritratti mehuda minn Lloyd Scott fit-8 t' April fejn kienet tidher persuna maskili li l-Pulizija setghet tidentifika bhala Paul Vella b'senter f'idejh u dan waqt stagun maghluq tal-kacca. Meta l-pulizija regghu ltaqghu ma' Vella, hu rega' inghata d-drittijiet tieghu u hu rrifjuta li jikkonsulta m'avukat. Paul gie muri l-filmat imsemmi, fejn hu kien ammetta li l-persuna ghall-kacca fi stagun maghluq kien hu. L-ghada il-pulizija elevat l-arma mir-residenza ta' Vella u hu gie nfurmat li kienu ser jinhargu akkuzi fil-konfront tieghu.

**Fiona Burrows**[14] xehedet nhar l-10 ta' Jannar, 2023 bil-lingwa Ingliza li hi tixhed f'isem il-*Committee Against Birds Slaughter* u li ma kienitx xhieda ta' dan il-kaz u lanqas ma kkompilat ir-rapport mmarkat bhala Dok FB1 u li pprezentat quddiem l-Ewwel Qorti hi.

**Thomas Borg**[15] xehed nhar l-10 ta' Jannar, 2023 li hu kien qed jixhed in rapprezentanza tal-*Wild Birds Regulation Unit*. Jghid li minn ricerka li saret irrizulta li Vella kellu licenzja generali tal-kacca fuq l-art u licenzja generali tal-kacca tal-fenek. Fit-8 t' April 2022 ma kienx hemm deroga ghal kacca u ma kienx hemm licenzja specjali f'dik il-gurnata u ghalhekk kull min beda jaghmel dan kien qed jaghmlu b'mod illegali. Hu fakkar illi l-perjodu ghad-deroga tal-kacca fir-Rebbiegha ghas-sena 2022 kien mill-10

[14] Fol. 43A et seq tal-process.
[15] Fol. 52A et seq tal-process.

t' April sat/30 t' April ghall-kacca tas-summiena, zewg dati nkluzi 17 t' April sat-30 t' April ghal kacca tal-gamiema zewg dati nkluzi. Il-hinijietjibdew min sghatejn qabel tlugh ix-xemx sa nofsinhar skond l-avviz legali 116 tal-2022.

**Lloyd Scott**[16] xehed permezz ta' *video conferencing* bil-lingwa Ingliza nhar l-10 ta' Jannar, 2023 fejn qal li kien qed jixhed ghan-nom tal-*Committee Against Birds Slaughter.* Hu spjega li dan il-kaz kien jirrigwardja incident fejn hu u kollega tieghu iddokumentaw lil persuna taghmel uzu minn arma tan-nar u dan nhar it-8 t' April 2022. Qal li kienu xi 06:30 ta' filghodu u hu u kollega tieghu kienu jinsabu l-Imgarr meta semghu *bird caller*. Konsegwentament gibditilhom l-attenzjoni dura fejn kien hemm is-suspettat li hareg u spara arma u wara rawh jimxi go l-ghalqa u jigbor ghasfur. Huma kkuntatjaw lill-pulizija li marru fuq il-post. Huma ghaddew lill-pulizija ritratti u ghalkemm ma sabux armi fuq il-post, huma kellhom evidenza li ntuza senter. Hu jghid li ra lill-akkuzat jaghmel uzu mis-senter u anke sahansitra sema il-*gunshot*. Mitlub mill-Qorti jaghti n-numru tar-referenza tar-rapport, hu jghid li dan hu CABS/08042022/1. Hu qal li ghadda lill-pulizija ir-rapport flimkien ma materjal irrekordjat li hemm referenza ghalihom fir-rapport u cioe' CD.

Din il-Qorti innutat ukoll testimonjanza ta'certu Christopher Cachia Zammit[17]. Dan jidher li xehed nhar l-10 ta' Jannar 2023 fl-kawza fl-ismijiet **Pulizija vs Pawlu Vella**. Ix-xhieda ta' dan ix-xhud ma jidhirx li giet irrekordjata kollha u hu jghid li s-suspettat ghadda minn hdejhom, mbaghad kien ser imur lejn sit iehor. Kompla jispjega li l-pulizija sabu affarijiet li jintuzaw ghal insib. Dan spjega li kien prezenti ma' kollega tieghu Patrizia. Minkejja l-okkju, huwa simili ghal ta' din il-kawza, dan ix-xhud jidher li xehed fi proceduri ohrajn u bi zball gew inseriti f'dawn l-atti.

L-appellant fl-ewwel aggravju tieghu jghid illi l-affidavits tal-pulizija huma sajma ghall-kollox mid-dettalji li jduru ma' tali filmat. Din il-Qorti tghid illi hija rat il-filmat esebit mill-prosekuzzjoni u li jinsab fis-CD a fol. 24 tal-process li hu mmarkat bhala Dok X5. Fuq dan l-*envelope* hemm referenza GHQ EPU/104/2022 u cioe' l-istess numru ta' referenza li wiehed isib fuq l-NPS Report esebit a fol. 7 et seq tal-process.

[16] Fol. 56 et seq tal-process.
[17] Folio number mhux indikat fl-atti.

Din il-Qorti ma taqbilx mal-appellant meta qal li l-pulizija fl-affidavits taghhom kienu sajma dwar id-dettalji tal-filmat, anzi id-deskrizzjoni li taw huma tikkorispondi ma dak li l-Qorti rat hi stess fil-filmat LS1 u li hu wkoll imsemmi fir-rapport tal-CABS immarkat bhala Dok FB1 a fol. 44 et seq tal-process.

Oltre minn hekk, ix-xhud Lloyd Scott xehed permezz tal-*video conferencing* nhar l-10 ta' Jannar, 2023 fejn bil-gurament tieghu xehed dwar dak li hu stess ra nhar it-8 t' April 2022 u li kien irrikordja din l-evidenza. Mistoqsi in-numru tar-referenza tar-rapport li hu kien ipprezenta, hu wiegeb CABS/08042002/1 u li apparti ir-rapport bil-miktub hu kien ipprezenta wkoll CD. In-numru ta' referenza ndikat minn Scott jikkorispondi mal-istess rapport ipprezentat mix-xhud Fiona Burrows, dok FB1 a fol. 44 et seq tal-process. F'dan ir-rapport hemm diversi referenzi ghal dak li juri il-*video* li jinsab f'CD u mmarkat bhala LS1 u d-deskrizzjoni tieghu specifikament a fol. 52 tal-process hi '*LS1 – Video evidence of SUSPECT 1 shooting gun at bird and retrieving*.'

Ghaldaqstant jirrizulta illi x-xhud Lloyd Scott kien baghat dan il-filmat lill-Ispettur Elliot Magro. Nhar it-13 t' April 2022 il-Pulizija PC 16, PC 349 u PC 572 gew mghoddija file EPU/043/2022 mahrug mill-Ispettur Magro fejn go dan il-file kien hemm filmati u ritratti li Scott kien ha tal-appellant nhar it-8 t' April 2022. Id-deskrizzjoni ta' Scott ghal filmat immarkat bhala LS1, fir-rapport CABS/08042002/1 u dak li jghidu l-Pulizija fl-affidavits taghhom huma l-istess. Sussegwentament, il-Pulizija sucitati wrew dan il-filmat lill-appellant fejn dan tal-ahhar ammetta li kien hu l-persuna li jidher fil-filmat imur ghall-kacca fi stagun maghluq. Nhar l-10 ta' Jannar, 2023 il-posekuzzjoni esebiet ic-CD quddiem l-Ewwel Qorti. Din il-Qorti kellha l-opportunita' li tara u tista' tikkonferma li l-video mmarkat bhal LS1 juri dak deskritt mix-xhud Llyod Scott u l-Pulizija indikati *supra* li nvestigaw il-kaz. Ghalhekk din il-Qorti jidrilha illi l-filmat migbud minn Scott, hu l-istess wiehed li gie muri lill-appellant u sussegwentament esebit in atti. Stante li l-appellant ammetta illi l-persuna fil-filmat kien hu li kien qed jikkacja fi stagun maghluq, isegwi illi din il-Qorti ma tilqax l-ewwel aggravju mressaq mill-appellant Paul Vella.

It-tieni aggravju tal-appellant jirrigwardja l-fatt illi l-prosekuzzjoni akkuzat lil Paul Vella b'data u hin partikolari u cioe' nhar it-8 t' April 2022 ghall-habta tas-07.24hrs.

Madankollu l-provi tal-prosekuzzjoni kollha juru li fis-07.24hrs ma gie kommess l-ebda reat u li se mai jekk saret xi illegalita', tali illegalita' sehhet siegha qabel. Fl-affidavits il-pulizija jghidu illi huma rcivew telefonata ghall-habta ta' 07:24 hrs dwar *bird caller* attivat u kienu raw kaccatur b'senter fi stagun maghluq tal-kacca. Huma jghidu wkoll li ghal habta ta' 08:00 huma waslu hdejn ir-*roundabout* li tiehdok ghal Bingemma. Madankollu, f'Dok FB1 jidher illi l-isparatura sehhet bejn 06:30 u 06:34hrs u Scott cempel lill-pulizija f'06:37hrs. Sussegwentament il-Pulizija cemplu lura f' 06:40hrs u waslu l-Imgarr f'7:13hrs. Ghaldaqstant ma hemmx dubju li hemm diskrepenza ta' erbgha u hamsin (54) minuta bejn il-hin indikat fic-citazzjoni u l-hin li skond il-provi tal-prosekuzzjoni sehhet l-isparatura.

Din il-Qorti sejra taghmel referenza ghall-Artikolu 360 tal-Kodici Kriminali. Id-dettal tal-hin jista' jitqies li huwa wiehed mill-kriterji li huwa mehtieg mill-Artikolu 360(2) tal-Kodici Kriminali (partikolaritajiet ta' zmien) u f'kaz bhal dan jassumi rwol importanti biex ikun jista' jitqies jekk ir-reat ikunx integrat o meno. Sussegwentament il-Qorti sejra tifli l-gurisprudenza f'dan ir-rigward, fosthom dawk is-sentenzi kkwotati mill-appellant innifsu.

L-artikolu 360(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jaqra li:

> '*Iċ-ċitazzjoni għandha ssemmi ċar il-persuna mħarrka, u għandu jkun fiha, fil-qosor, il-fatti tal-akkuża, bil-partikularitajiet* ***<u>ta' żmien</u>*** *u ta' lok li jkunu jinħtieġu jew li jkunu jistgħu jingħataw. Għandu jkun fiha wkoll it-twissija li, jekk il-persuna mħarrka tonqos li tidher, hija tiġi arrestata b'mandat tal-qorti u mressqaquddiem l-istess qorti fil-jum li jkun imsemmi filmandat.' (Enfazi u sottolinear mizjud minn din il-Qorti)*

Fis-sentenza fl-ismijiet **<u>'Il-Pulizija [Spettur Gabriel Micallef] vs Andre' Falzon'</u>**[18] gie kkunsidrat li:

[18] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-19 ta' Novembru, 2015 (Appell Numru: 385/2013)

*'Illi fil-kaz in dizamina ma jistax jinghad illi l-appellanti qieghed jallega illi huwa ma fehemx in-natura ta'l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, jew inkella li ma kenitx l- inetnzjoni tieghu li jammetti, izda jirrizulta mill-atti illi abbazi tal-fatti tal-kaz kif esposti, l-Ewwel Qorti ma setatx issib htija ghal tali akkuzi billi ma kenux jissussistu fid-data indikata fl-akkuza. Issa lkodici penali taghna jimponi l-obbligu fuq il-Qorti Kriminali taht l-artikolu 436(3)(c) li ghandha taghmel dak kollu li m'huwiex projbit jew mhux ordnat mill-ligi taht piena ta' nullita, kull meta l-Qorti fid-diskrezzjoni taghha jidhirliha li hu hekk mehtieg ghat-tikxif tal-verita.' Illi l-appellanti allura ghandu ragun u din il-Qorti ma tistax taghlaq ghajnejha ghal dan in-nuqqas procedurali daqslikieku ma kienx jezisti u dan ghaliex is-sentenza impunjata tirrifletti fatti li mhumiex sostanzjati bil-provi li hemm fl-atti, ghalkemm l-appellanti ammetta ghalihom. Kwindi din il-Qorti ma ghandhiex trqi ohra hlief li tghaddi sabiex tannulla id-decizjoni appellata u dan billi tirrizulta decizjoni hazina fuq il- mertu u dan kif previst fl-artikolu 428(5) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi affermat dan allura din il-Qorti bis-setgha moghtija lilha fl-artikolu 428(6) ser tghaddi sabiex titratta l-mertu ta' dan il-kaz daqslikieku ma kienx hemm ammissjoni minn naha ta'l-appellanti.*

*Illi s-subartikolu (2) ta' l-artikolu 360 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li:*

*"Ic-citazzjoni ghandha ssemmi car il-persuna mharrka, u ghandu jkun fiha, fil-qosor, il-fatti ta' l-akkuza, bil-partikularitajiet ta' zmien u ta' lok li jkunu jinhtiegu jew li jkunu jistghu jinghataw......"*

*Illi fis-sentenza mghotija fit-18 ta' Ottubru 2005 mill-Qorti ta'l-Appell Kriminali fil- kawza f'l-ismijiet* ***Pulizija vs John Mary Briffa****, fejn l-appellant f'dik il-kawza gie akkuzat b'reati li allegatament sehhew "ghall-habta tas-7.30 p.m." mentri l-provi kienu jirrigwardaw incident li sehh "ghall-habta tas-7.30 a.m.", intqal li:*

*"L-imputazzjoni ghalhekk kif impostata qed tirreferi ghal xi haga li allegatament grat tnax-il siegha wara u l-ewwel Qorti hekk sabet lill-appellant hati. Mill-provi ma jirrizultax li gara xi incident fil-hin indikat f'l-imputazzjoni u ghalhekk l-appellant ma setax jinsab hati kif fil-fatt insab.* ***Il-frazi "ghall-habta ta' tindika hin approssimattiv u tinkludi hin vicin dak imsemmi f'l-imputazzjoni izda zgur mhux tnax-il siegha wara.*** *Il-prosekuzzjoni qalet li huwa ovvju li dan kien zball dattilografu. Jekk inhuwa hekk, il-prosekuzzjoni kellha tiehu hsieb taghmel jew titlob il-korrezzjoni opportuna tempestivament"*

*Illi dan l-istess principju gie riaffermat mill-istess Qorti ta'l-Appell Krminali f'diversi kawzi ohra inkluz dawk fl-ismijiet* ***Il-Pulizija vs Warren Piscopo u Pulizija vs Rita Thuema****, it-tnejn decizi fid-19 ta' Ottubru 2011.*

***Stabbiliti dawn il-principji dottrinali u applikati ghall-kaz in ezami huwa car allura illi l-appellanti kellu jigi illiberat mill-akkuzi kif dedotti kontra tieghu billi dawn jirreferu ghal perijodu ta' zmien differenti minn dak li fih sehhew l-allegati fatti li wasslu ghall-imputazzjoni odjerna. Illi allura billi l-Prosekuzzjoni naqqset milli tinduna b'dan l-izball u tirrettifikah fil-hin opportun, u billi l-Avukat Generali huwa issa fi stadju ta' appell prekluz milli jitlob il-korrezzjoni mehtiega biex tigi sanata l- akkuza, ma hemmx dubbju illi l-imputazzjonijiet kif dedotti kontra l-appellanti ma jistghux jissussitu billi fid-data indikata fl-akkuza l-appellanti ma ikkomettiex ir-reati lilu addebitati.'***[19]

Kif gie ritenut fil-gurisprudenza ndikata *supra*, l-frazi "ghall-habta ta'" tindika hin approssimattiv u tinkludi hin vicin dak imsemmi f'l-imputazzjoni. Din il-Qorti jidrilha

[19] Ara wkoll il-kawza deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Nicole Anne Testa** nhar il-31 ta' Mejju 2017; **Il-Pulizija vs Clinton Gatt** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-14 ta' Dicembru, 2017;

illi b'differenza ta' erbgha u hamsin (54) minuta, l-hin xorta wahda jibqa' wiehed approssimattiv ghad-differenza ta' distakk ta' madwar tnax (12)-il siegha kif kien il-kaz fis-sentenzi fl-ismijiet **Il-Pulizja vs John Mary Briffa**[20]u **Il-Pulizija vs Clinton Gatt.**[21] Oltre minn hekk, jirrizulta minn Dok FB1 a fol. 44 tal-process, illi l-appellant kien ghadu fid-dura ghall-kwazi siegha wara is-06:30hrs, infatti hu jidher qed jitkellem mal-pulizija fl-ghalqa f'07.40hrs. Ghaldaqstant kellha ragun l-Ewwel Qorti meta qalet li fit-termini tal-ligi, l-appellant kien preznut li kien ghadu ghal kacca dak il-hin. Ghaldaqstant it-tieni aggravju mressaq mill-appellant qieghed ukoll jigi michud.

It-tielet aggravju mressaq mill-appellant jirrigwardja l-piena u li din ghandha tkun aktar miti skond ic-cirkostanzi tal-kaz. Din il-Qorti mhux l-ewwel darba illi irriteniet illi fir-rigward tal-piena inflitta mill-Qorti tal-Maġistrati, huwa principju ormai stabbilt li f'materja ta' appell minn piena, sabiex Qorti tal-Appell Kriminali tibdel il-piena li tkun erogat l-ewwel Qorti, dan taghmlu biss fl-eventwalita' li jirrizultalha li tali piena tkun zbaljata fil-principju jew manifestament eccessiva. Hekk gie mistqarr mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) fil-kawza fl-ismijiet **The Republic of Malta vs. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek** deciza nhar il-25 t'Awissu 2005:

> *'It is clear that the first Court took into account all the mitigating as well as the aggravating circumstances of the case, and therefore the punishment awarded is neither wrong in principle nor manifestly excessive, even when taking into account the second and third grounds of appeal of appellant Melek. As is stated in Blackstone's Criminal Practice 2004 (supra): "The phrase 'wrong in principle or manifestly excessive' has traditionally been accepted as encapsulating the Court of Appeal's general approach. It conveys the idea that the Court of Appeal will not interfere merely because the Crown Court sentence is above that which their lordships as individuals would have imposed. The appellant must be able to show that the way he was dealt with was outside the broad range of penalties or other dispositions appropriate to the case. Thus in Nuttall (1908) 1 Cr App R 180, Channell J said, 'This*

[20] Deciza nhar it-18 ta' Ottubru 2005 mill-Qorti ta'l-Appell Kriminali.
[21] Deciza nhar l-14 ta' Dicembru, 2017 mill-Qorti tal-Appell Kriminali.

*court will...be reluctant to interfere with sentences which do not seem to it to be wrong in principle, though they may appear heavy to individual judges' (emphasis added). Similarly, in Gumbs (1926) 19 Cr App R 74, Lord Hewart CJ stated: '...that this court never interferes with the discretion of the court below merely on the ground that this court might have passed a somewhat different sentence; for this court to revise a sentence there must be some error in principle."*

*Both Channell J in Nuttall and Lord Hewart CJ in Gumbs use the phrase 'wrong in principle'. In more recent cases too numerous to mention, the Court of Appeal has used (either additionally or alternatively to 'wrong in principle') words to the effect that the sentence was 'excessive' or 'manifestly excessive'. This does not, however, cast any doubt on Channell J's dictum that a sentence will not be reduced merely because it was on the severe side – an appeal will succeed only if the sentence was excessive in the sense of being outside the appropriate range for the offence and offender in question, as opposed to being merely more than the Court of Appeal itself would have passed."*

*This is also the position that has been consistently taken by this Court, both in its superior as well as in its inferior jurisdiction.'*

Mill-banda l-ohra din il-Qorti trid taghmel l-evalwazzjoni taghha dwar jekk il-Qorti tal-Magistrati (Malta) applikatx piena li kienet manifestament eccessiva meta wiehed jiehu kont ukoll tal-aspetti retributtivi u preventivi tas-sentenza emessa minnha. Kif intqal aktar il-fuq fl-appell Kandemir u li gie wkoll imbaghad ribadit fl-appell superjuri **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Marco Zarb**, deciza nhar il-15 ta' Dicembru 2005, din il-Qorti bhala Qorti ta' Appell ma tiddisturbax is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-ewwel istanza sempliciment ghaliex kienet tippreskrivi piena li kienet ghola minn dik li din il-Qorti kif komposta kienet kieku taghti kieku kienet hi li qeghda teroga l-piena. Biex l-appell jirnexxi, kien mehtieg li l-appellant juri li l-piena moghtija mill-Qorti tal-Magistrati kienet tohrog barra mill-parametri tal-piena jew mizuri

applikabbli ghall-kaz. Din il-Qorti ma tinterferix ma pieni li ma jkunux jidhru li huma zbaljati fil-principju, ghalkemm ikunu jidhru li huma pieni horox ghal xi Gudikanti.

Biex piena moghtija minn Qorti tal-Ewwel Istanza tkun tista' tigi mibdula jrid jigi pruvat li kien hemm xi zball fil-principju wara l-emanazzjoni ta' dik il-piena. Il-Qorti tal-Appell Kriminali fl-Ingilterra zviluppat ukoll il-kuncett ta' sindakabilita' tal-piena tal-Qorti tal-Ewwel Istanza fil-kaz li din tkun eccessiva jew manifestament eccessiva. Biss dan ma jfissirx li sempliciment ghax sentenza tkun tidher li hija fuq in-naha aktar severa din tkun tissodisfa dan it-test tal-eccessivita jew eccessivita manifesta. Anzi dik il-Qorti ttenni li appell fuq tali piena jkun jista' jigi milqugh jekk jirrizulta li s-sentenza tkun barra l-parametri tal-piena li tkun applikabbli ghall-offiza in kwistjoni u ghac-cirkostanzi tal-hati u mhux ghaliex tkun piena li tkun ghola minn dik li kieku l-Qorti tal-Appell kienet teroga ghall-kaz in kwistjoni.

Illi l-appellant Paul Vella instab hati mill-Ewwel Qorti tal-imputazzjonijiet innumerati 2,3, 5 u 7. Ghalhekk din il-Qorti, b'referenza ghal dawn l-imputazzjonijiet taghat harsa lejn Kap 480 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe' l-Att dwar l-Armi, kif ukoll lejn L.S. 549.42 u cioe' ir-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi u jirrizulta b'mod car illi l-piena mposta hija wahda li taqa' fil-parametri tal-ligi u sahansitra mhux xi wahda li tqerreb lejn il-massimu. Ghal dawn ir-ragunijiet sucitati, it-tielet aggravju tal-appellant ukoll qed jigi michud.

In vista tas-suespost, din il-Qorti qedgha tichad l-aggravji tal-appellanti Paul Vella u tikkonferma s-sentenza moghtija mill-Ewwel Qorti fl-intier taghha.

**Consuelo-Pilar Scerri Herrera**
**Imhallef**

**Maria Grech**
**Deputat Registratur**